KULLEĠĠ SAN NIKOLA

L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU

Frar 2016

| IS-SITT SENA | IL-MALTI (IL-KITBA) | IL-ĦIN: SIEGĦA |
|---|---|---|

L-Isem u l-Kunjom: ______________________ Il-Klassi: _______

Il-Marki: 30 marka



**A. Il-kitba ta' ittra elettronika** **(10 marki)**

Agħżel bejn numru 1 u numru 2.

L-ittra elettronika trid tkun bejn **50 u 60 kelma**.

**1.**

Int jismek Marjo/Marija u llum fallejt l-iskola għax kont ma tiflaħx. Ikteb ittra elettronika lill-ħabib tiegħek Karl fejn tistaqsih dwar ix-xogħol li t-tfal għamlu fil-klassi, kif ukoll dwar ix-xogħol li ngħataw għad-dar. L-indirizz elettroniku ta' Karl hu karl@gposta.com. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk:



X'tgħallmu llum?

Xi jridu jġibu għal għada?

X'ingħataw bħala xogħol għad-dar?

**JEW**

**2.**

Int jismek Karl/Karla u illum fallejt l-iskola għax kont ma tiflaħx. Għada sejrin ħarġa ma' tal-iskola u inti tixtieq tkun taf aktar dwar dan. Ikteb ittra elettronika lill-ħabiba tiegħek Jessica fejn tistaqsiha dwar il-ħarġa. L-indirizz elettroniku ta' Jessica hu jessica@gposta.com. Dawn il-mistoqsijiet jistgħu jgħinuk:

Fejn se tmorru?

Xi tridu tilbsu?

X'se ġġibu magħkom għal din il-ħarġa?



**2. Fil-linji t'hawn taħt ikteb l-ittra elettronika.**

L-ittra elettronika _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

| Lil: |
|---|

| Suġġett: |
|---|

**B. Il-kitba ta' storja** **(20 marka)**

Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u kompli iktibha. Ikteb bejn **140 u 200 kelma**.

**1. Darba waħda hekk kif kien qed jidlam, rajt bħal dell jittawwal mit-tieqa...**

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk fil-kitba tiegħek:

- X'kien dan id-dell?
- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?
- X'ġara wara?



**JEW**

**2. Darba waħda f'nofs ta' lejl qomt maħsud għax smajt ħoss mhux tas-soltu. Ħriġt mis-sodda biex niċċekkja x'kien u ...**

Dawn il-punti jistgħu jgħinuk fil-kitba tiegħek:

- Minn fejn kien ġej il-ħoss?
- Kif ħassejtek?
- X'għamilt?
- X'ġara wara?



**1. Il-pjan tal-istorja** **(4 marki)**

Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt.

Storja _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

**2. L-istorja li għażilt biex tkompli** **(16-il marka)**

Uża l-pjan tiegħek sabiex tkompli l-istorja. L-istorja trid tkun bejn **140 u 200 kelma**.

Storja _____ (Ikteb 1 *jew* 2)

TMIEM IL-KARTA